MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1946/2002

**Deloitte & Touche**

**Vs**

**Davison Properties Ltd**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Awissu 2002 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' Lm270.25 (mitejn u sebghin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) dovuti ghal servizzi professjonali resi.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Id-ditta attrici qed titlob li s-socjeta` konvenuta tigi kundannata thallasha s-somma ta' mitejn u sebghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm270.25) dovuta (a) kwantu ghal Lm28.75 skond fattura datata 9 ta' Marzu 1999, (b) kwantu ghal Lm126.50 skond fattura datata 9 ta' April

1999, (c) kwantu ghal Lm57.50 skond fattura datata 1 ta' Lulju 1999 u (d) kwantu ghal Lm57.50 skond fattura datata 1 ta' Jannar 2000, u dan kollu in konnessjoni ma' servizzi professjonali u spejjez relatati, liema somma ghad mhux imhallsa sa llum u dan minkejja li d-debitu gie espressament rikonoxxut mis-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez ta' l-prezenti, ta' l-ittra interpellatorja tad-29 ta' Jannar 2002 u ta' l-ittra ufficjali datata 27 ta' Frar 2002 u bl-imghaxijiet mid-data ta' hrug tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi s-somma reklamata mid-ditta attrici m'hix dovuta.

2. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, is-somma reklamata hija esagerata.

3. Illi s-servizzi professjonali resi mid-ditta attrici lis-socjeta` eccipjenti ma' gewx resi fit-totalita` taghhom u b'mod komplut u m'hux skond dak li tirrikjedi s-sengha u l-arti u dana hekk kif se tipprova s-socjeta` eccipjenti waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza si tratta ghal hlas ta servizzi professjonali fil-waqt il s-socjeta' konvenuta tallega li mhux dovut stante nuqqas ta adempjiment da parti tal-atturi li jesegwixxu l-inkariku lilhom moghti:

Is-socjeta' konvenuta avolja kellha l-preeusazzjoni mhux talli ma hadet l-ebda passi fil-konfront tal-atturi- lanqas ma ngiebet xi prova li rrispondu ghall-ittri legali lilha mibghut – izda li hallset akkont tal-istess kreditu.

Tirrizulta divergenza jekk id-dokument datat 13ta' Settembru 2000 a Fol-6 hu ricevuta ta pagament ta Lm 50 jew ammissjoni ta kreditu fl-ammont ta Lm 480.89.

Illi s-sorte mitlub jammonta ghal Lm270.25 u t-Tribunal mhux ser joqghod jidhol fil-meritu a meno. Huwa lampanti pero' li meta hallas, id-direttur tas-societa konvenuta ma rriserva l-ebda kwalifika u/jew ghamel xi oppozzijoni ghall-ammont mitlub. Ghalkemm fix-xhieda xehdu issottometta diversi lamenti fil-konfront tal-atturi, dawna ma gewx sostanzjali.

Jiddecidi billi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanaha tithallas lill atturi is-somma ta Lm 270.25 bl-ispejjes u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------